# SEPA
Single Euro Payments Area
Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro

Frar
1
2014

## *X'inhi s-SEPA?*

Is-SEPA hi żona fejn kull persuna, kumpanija u parteċipant ekonomiku ieħor jistgħu jħallsu u jitħallsu f'euro, kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta, bl-istess kondizzjonijiet, drittijiet u obbligi bażiċi, ikunu fejn ikunu jinsabu.

## *Għalfejn is-SEPA?*

L-għan tas-SEPA hu li ssaħħaħ l-integrazzjoni Ewropea billi twaqqaf suq uniku għall-pagamenti bl-imnut. Il-fatt li jkun hemm suq uniku għall-pagamenti kollha f'euro se jħeġġeġ il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni u b'hekk joħloq servizzi aħjar u aktar effiċjenti għall-klijenti.

## *Meta s-SEPA ser issir mandatorja?*

1 ta' Frar 2014.

## *X'effett se tħalli is-SEPA fuq il-konsumatur?*

L-IBAN (Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju) li unikament jidentifika l-kont bankarju tiegħek, irid jintuża biex jiġu effetwati l-pagamenti kollha bl-euro fil-pajjiżi tas-SEPA.

***Staqsi lill-Bank tiegħek għall-IBAN u l-BIC (Kodiċi tal-Bank).***

Il-BIC mhux se jkun hemm aktar bżonnu mill-1 ta' Frar 2016.

*Eżempju ta' IBAN Malti:*

| Kodiċi tal-Pajjiż | Numru ieħor | Kodiċi tal-Bank u tal-fergħa tal-Bank | Numru tal-Kont eżistenti |
|---|---|---|---|
| MT | 71 | MALT01100 | 0012345EURCAST001S |







## *Kif ser jibbenifika l-konsumatur?*

Permezz tas-SEPA l-konsumatur jista' jirċievi pagamenti bħall-benefiċċji soċjali, salarji u pensjonijiet, direttament fil-kont tal-Bank b'mod immedjat u sigur. Ukoll tista' tagħmel pagamenti ġewwa Malta u bejn il-pajjiżi tas-SEPA minn kont wieħed.

BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

33 Pajjiż tas-SEPA

*www.centralbankmalta.org*
*www.sepa.eu*
*www.europeanpaymentscouncil.eu*